

Brussell, 24 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10465/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0544 (CNS)**

RECH 279
COMPET 762
IND 410
MI 626
EDUC 268
TELECOM 312
ENER 393
ENV 720
CLIMA 326
AGRI 493
TRANS 416
SAN 475
BIOTECH 79

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Pakkett Orizzont Ewropa: Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2028-2034 Programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - Approċċ ġenerali parzjali

Id-delegazzjonijiet isibu hawn taħt test rivedut tal-Presidenza.

L-ammonti ta' referenza kollha huma pendenti sakemm jiġu konklużi n-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

Id-dispożizzjonijiet fil-parentesi huma esklużi mill-approċċ ġenerali parzjali.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment tal-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034, li jistabbilixxi r-regoli għall-partekipazzjoni u d-disseminazzjoni skont dak il-Programm, u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2021/764

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 182(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni³,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

² ĠU C [...], [...], p. [...].

³ ĠU C [...], [...], p. [...].

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 182(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 ("Orizzont Ewropa"), stabbilit permezz tar-Regolament XXX [referenza għar-Regolament Orizzont Ewropa] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, irid jiġi implimentat permezz ta' Programmi Speċifiċi li jiddefinixxu r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tagħhom, jistipula t-tul tad-durata tagħhom u jipprevedi l-mezzi meqjusa neċessarji.
- (2) Ir-Regolament XXX [referenza għar-Regolament Orizzont Ewropa] jistabbilixxi l-oġettivi speċifiċi u ġenerali ta' Orizzont Ewropa, l-istruttura u l-linji ġenerali tal-attivitajiet li jridu jitwettqu, filwaqt li jenħteġ li dan il-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa (il-"Programm Speċifiku") jiddefinixxi l-oġettivi operazzjonali u l-attivitajiet li huma speċifiċi għall-partijiet ta' Orizzont Ewropa. Id-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni stabbiliti fir-Regolament XXX japplikaw għalkollox għall-Programm Speċifiku.
- (2a) Sabiex jinkiseb l-aħjar impatt possibbli fuq l-oġettivi tal-Programm Speċifiku, kif ukoll fuq il-prijoritajiet li għandhom jiġu definiti mill-mekkaniżmi ta' governanza, jenħteġ li jiġi żgurat approċċ koordinat bejn l-istrumenti u l-azzjonijiet differenti użati għall-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku.
- (3) Il-Bord tal-Gvernaturi taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/282/Euratom⁴, ġie kkonsultat dwar il-kontenut xjentifiku u teknoloġiku tal-Programm Speċifiku dwar l-azzjonijiet diretti mhux nukleari tal-JRC.
- (4) Din id-Deċiżjoni tal-Kunsill tistabbilixxi pakkett finanzjarju indikattiv għall-Programm Speċifiku.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/282/Euratom tal-10 ta' April 1996 dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid taċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunt (ĠU L 107, 30.4.1996, p. 12, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/1996/282/oj>).

- (5) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku permezz ta' programmi ta' ħidma, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵.
- (5a) Jenħtieġ li l-programmi ta' ħidma jimmiraw lejn is-simplifikazzjoni, il-flessibbiltà u l-aċċessibbiltà għall-applikanti. Fl-oqsma tematiċi ta' prijetà definiti strateġikament, jenħtieġ li jiġi żgurat approċċ bilanċjat bejn azzjonijiet minn isfel għal fuq u suġġetti predefiniti. Jenħtieġ li l-programmi ta' ħidma jnaqqsu l-għadd ta' suġġetti, iqassru d-deskrizzjonijiet tagħhom u jillimitaw is-suġġetti ta' proġett uniku, u b'hekk jipromwovu proċess aktar miftuħ u kompetittiv u jipprovdu lill-applikanti b'aktar libertà biex jiddefinixxu l-perkorsi differenti tagħhom biex jilħqu l-oġettivi ta' R&I rilevanti.

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13-18.

- (5b) Sabiex tiġi żgurata orjentazzjoni koerenti u strateġika tal-Programm u biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħtu kontribut strateġiku fi stadju bikri qabel l-iżvilupp tal-programmi ta' ħidma, jenħtieġ li l-proċess ta' stabbiliment tal-prijoritajiet strateġiċi jibda bl-analiżi rilevanti, inkluż mill-Osservatorju dwar it-Teknoloġiji emerġenti, rapporti ta' prospettiva, kif ukoll kontribut ibbażat fuq l-evidenza mill-partijiet ikkonċernati, segwit minn pariri mill-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (KŻER). Jenħtieġ li dawn il-pariri jikkontribwixxu għat-tnejn mill-Kummissjoni tad-dokument strateġiku pluriennali ta' Orizzont Ewropa, li jkopri l-erba' pilastri tal-Programm. Jenħtieġ li l-parti tad-dokument strateġiku pluriennali ta' Orizzont Ewropa li tkopri l-komponent tal-kompetittività tal-Pilastru II tkun l-istess bħall-parti tad-dokument strateġiku pluriennali tal-FEK li tkopri l-komponent tal-kompetittività tal-Pilastru II. Jenħtieġ li l-konfigurazzjoni strateġika tal-kumitat tal-programm Orizzont Ewropa tipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-direzzjoni strateġika ġenerali u l-prijoritajiet ta' Orizzont Ewropa qabel it-tnejn tal-programmi ta' ħidma. Jenħtieġ li l-konfigurazzjoni strateġika fir-rwol konsultattiv tagħha sservi wkoll bħala forum biex jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fost l-Istati Membri dwar kwistjonijiet marbuta ma' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li tikkontribwixxi wkoll biex jiġu żgurati l-koerenza u s-sinerġiji ma' programmi u strumenti oħra tal-Unjoni, bil-ħsieb li jiġi massimizzat l-impatt u jiġu evitati duplikazzjonijiet tul il-vjaġġ kollu tal-innovazzjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li tiġi żgurata koordinazzjoni xierqa, inkluż laqgħat konġunti, mal-Kumitat Ġenerali stabbilit skont ir-Regolament (UE) XXX [FEK], li jaġixxi fil-kapaċità konsultattiva tiegħu sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' rilevanza komuni relatati mar-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività, b'mod partikolari l-orjentazzjonijiet strateġiċi u l-prijoritajiet tal-komponent tal-kompetittività tal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa.

- (5c) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma regolarment lill-Kumitat tal-Programm dwar il-progress ġenerali tal-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku u jenħtieġ li tipprovdu informazzjoni f'waqtha dwar l-azzjonijiet u l-komponenti kollha. Jenħtieġ li din tinkludi: Informazzjoni dwar proġetti individwali, li tiffaċilita l-monitoraġġ tal-ħajja kollha ta' kull proposta, li tkopri b'mod partikolari: il-proposti ppreżentati; ir-riżultati tal-evalwazzjoni għal kull proposta; il-ftehimiet ta' għotjiet; il-proġetti mitmuma u kkompletati. Informazzjoni dwar l-eżitu ta' kull sejħa għal proposti għal proġetti u dwar l-implimentazzjoni tagħhom, li tkopri b'mod partikolari: ir-riżultati ta' kull sejħa; il-punteġġi ta' evalwazzjoni tal-proposti u devjazzjonijiet minn daww il-punteġġi fil-lista ta' klassifikazzjoni tagħhom; l-aġġustamenti mitluba għall-proposti; l-eżitu tan-negozjati dwar il-ftehimiet ta' għotja; l-implimentazzjoni tal-proġetti, inkluż data dwar il-pagamenti u l-eżitu tal-proġetti; il-proposti miżmuma minn evalwazzjoni minn esperti indipendenti, iżda rifjutati mill-Kummissjoni. Informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm, inkluż l-informazzjoni rilevanti fil-livell ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Speċifiku, kull objettiv speċifiku u temi relatati kif ukoll is-sinerġiji ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni. Informazzjoni dwar l-eżekuzzjoni tal-komponenti u s-subkomponenti tal-baġit ta' Orizzont Ewropa.
- (6) Jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tintuża għall-adozzjoni tal-programmi ta' ħidma, minħabba l-implikazzjonijiet finanzjarji importanti tal-Programm Speċifiku, bl-eċċezzjoni tal-ERC, fejn ser tintuża l-proċedura konsultattiva.
- (7) Il-Programm Speċifiku jissostitwixxi l-Programm Speċifiku ta' Orizzont Ewropa stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764⁶. Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764 titħassar.

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764 tal-10 ta' Mejju 2021 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta l-Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/743/UE (ĠU L 167I, 12.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2021/764/oj>)

- (8) Jenħtieġ li l-Programm Speċifiku jiġi implimentat f'konformità mal-prinċipju tal-istat tad-dritt u d-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jkun konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li għalihom huma parti, inkluż il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Protokolli addizzjonali tagħha, kif ukoll strumenti bħall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali (il-"QFP") 2028-2034 (il-"Programm Speċifiku") kif stabbilit fl-Artikolu 1(2), il-punt (a) tar-Regolament XXX [referenza għar-Regolament Orizzont Ewropa].
2. [Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-baġit tal-Programm Speċifiku għall-perjodu 2028-2034, ir-regoli għall-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku u l-attivitajiet li għandhom jitwettqu fil-qafas tal-Programm Speċifiku.]
3. Id-definizzjonijiet, l-oġġettivi, l-istruttura u l-baġit ta' Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni stabbilit bir-Regolament XXX [referenza għar-Regolament Orizzont Ewropa] japplikaw ukoll għall-Programm Speċifiku.

Objettivi operazzjonali

1. Il-Programm Speċifiku għandu jikkontribwixxi għall-objettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament XXX [referenza għar-Regolament Orizzont Ewropa].
2. Il-Programm Speċifiku għandu l-objettivi operazzjonali li ġejjin:
 - (a) irawwem il-produzzjoni ta' riċerka xjentifika eċċellenti u istituzzjonijiet tar-riċerka minn ta' quddiem fid-dinja;
 - (b) jappoġġa l-mobbiltà u t-taħriġ u l-iżvilupp tal-karriera tar-riċerkaturi;
 - (c) jattira u jżomm riċerkaturi eċċellenti fl-Ewropa;
 - (d) irawwem u jsaħħaħ il-kollaborazzjoni u l-multidixxiplinarjetà, inkluż bix-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi (SSH) biex jiġġenera għarfien ġdid;
 - (e) itejjeb il-valorizzazzjoni tal-għarfien u jħeġġeġ l-isfruttament tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż permezz ta' attivitajiet ta' standardizzazzjoni;
 - (f) jgħaqqad u jiżviluppa l-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) kollha u jipprovdi aċċess tranżnazzjonali, u jottimizza l-użu tagħhom;
 - (g) jappoġġa l-ħolqien u l-espansjoni ta' start-ups tat-teknoloġija profonda u innovattivi;
 - (h) irawwem l-adozzjoni tat-teknoloġija u d-dimostrazzjoni tal-innovazzjoni rivoluzzjonarja;
 - (i) iżid il-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka mill-pajjiżi tat-twessigħ tal-parteċipazzjoni u mill-pajjiżi ta' tranżizzjoni msemmija fl-Artikolu 19 tar-Regolament XXX [referenza għar-Regolament Orizzont Ewropa];
 - (j) irawwem ix-xjenza miftuħa u jiżgura l-viżibbiltà għall-pubbliku u l-aċċess miftuħ għar-riżultati, meta dan ikun possibbli.

[Artikolu 3

Baġit

1. F'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament XXX [referenza għar-Regolament Orizzont Ewropa], il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku għall-perjodu 2028-2034 huwa stabbilit għal EUR 175 002 000 000 bi prezzijiet attwali.
2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jitqassam fost il-partijiet kif stabbilit fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament XXX [referenza għar-Regolament Orizzont Ewropa].]

Artikolu 4

Programmi ta' ħidma

1. Il-Programm Speċifiku għandu jiġi implimentat mill-programmi ta' ħidma msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Regularment u minn stadju bikri, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 18 dwar il-progress ġenerali fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet indiretti tal-Programm Speċifiku, anki biex il-Kumitat ikun jista' jipprovdi kontribut bikri xieraq fit-tnejn tal-programmi ta' ħidma.

Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu:

- (a) l-azzjonijiet, it-tip ta' finanzjament u l-baġit assoċjat;
- (b) il-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għoti stabbiliti fir-Regolament [Orizzont Ewropa];
- (c) rata ta' finanzjament unika għal kull azzjoni;
- (e) azzjonijiet li għalihom japplikaw regoli speċifiċi, b'mod partikolari dwar is-sigurtà tar-riċerka, is-sjieda tar-riżultati, il-valorizzazzjoni u d-disseminazzjoni, it-trasferiment u l-liċenzjar kif ukoll id-drittijiet tal-aċċess għar-riżultati;
- (ea) proċedura ta' rieżami ta' evalwazzjoni.

- 1a. Il-programmi ta' ħidma msemija fil-paragrafu 2 għandhom jinkludu l-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni msemija fl-Artikolu 11(1)(b) ta' din id-Deċiżjoni.
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma separati, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet skont il-komponenti li ġejjin, kif stabbilit fl-Artikolu 1(3). Il-konfigurazzjonijiet kif stabbiliti fl-Artikolu 18(2) għandhom ikunu responsabbli għall-parti rispettiva tagħhom tal-programmi ta' ħidma:
- (a) il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC), li l-programm ta' ħidma għalih għandu jiġi stabbilit mill-Kunsill Xjentifiku tal-ERC skont l-Artikolu 7(9)(a)(ii), f'konformità mal-Artikolu 18(3). Il-Kummissjoni għandha titbiegħed biss mill-programm ta' ħidma stabbilit mill-Kunsill Xjentifiku tal-ERC f'konformità mal-Artikolu 7(4), it-tieni subparagrafu; f'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tadotta l-programm ta' ħidma permezz ta' att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 18(4); il-Kummissjoni għandha debitament tagħti r-raġunijiet għal dan;
 - (b) il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC), li għalih għandu jittejjja l-programm ta' ħidma skont il-parir tal-Bord tal-EIC skont l-Artikolu 12(1)(b), f'konformità mal-Artikolu 18(4);
 - (c) l-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA), is-Soċjetà, l-ekosistemi Ewropej tal-innovazzjoni, iż-Żona Ewropea tar-Riċerka, l-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija, it-twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza, f'konformità mal-Artikolu 18(4);
 - (d) il-JRC, li fir-rigward tiegħu l-programm ta' ħidma pluriennali għandu jqis l-opinjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-JRC kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/282/Euratom.
- (da) il-programm ta' ħidma bbażat fuq Sħubiji Ewropej.

3. [L-attivitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni msemmija fil-qafas tat-twieqi ta' politika deskritti fil-Kapitoli IV sa VII tar-Regolament XXX [referenza għar-Regolament tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività] għandhom jiġu inklużi f'parti ddedikata speċifika tal-programmi ta' ħidma li jimplimentaw l-oġettivi speċifiċi korrispondenti msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punti (a) sa (d) tar-Regolament XXX [referenza għar-Regolament tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività]. Dawk il-programmi ta' ħidma għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikoli 15 u 84 tar-Regolament XXX [referenza għar-Regolament tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività].]

Artikolu 5

Sħubiji Ewropej

1. Is-Sħubiji Ewropej għandhom isegwu approċċ ċar taċ-ċiklu tal-ħajja, inkluż l-identifikazzjoni, l-għażla, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tagħhom, u l-eliminazzjoni gradwali tal-finanzjament tal-Unjoni, abbażi tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tas-sħubija. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom ikunu involuti minn stadju bikri fl-identifikazzjoni ta' portafoll ta' sħubija koerenti.
- 1a. Is-Sħubiji Ewropej għandhom jintgħażlu wara proċedura kompetittiva, miftuħa, mhux diskriminatorja u trasparenti abbażi ta' sett ta' kriterji kwantifikabbli u approċċ ta' portafoll b'saħħtu, li jirriżultaw f'sett koerenti u komplementari ta' inizjattivi. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) XXX [referenza għar-Regolament Orizzont Ewropa], is-sħubiji kandidati għandhom jikkonformaw mal-kriterji tal-għażla li ġejjin:
- (a) ir-rilevanza tal-portafoll: għandhom jiġu żgurati l-konsistenza u l-koerenza ġenerali tal-portafoll tas-sħubija, dment li l-kandidati jissodisfaw il-kriterji tal-għażla kollha u juru r-rilevanza bħala parti minn portafoll strateġiku, koerenti u kumplimentari ta' azzjonijiet;
 - (b) il-massa kritika: il-baġit tas-sħubiji (kontribuzzjonijiet tal-Unjoni u tas-sħab) għandu jaqbel mad-durata tagħhom, fejn jiġu żgurati riżorsi suffiċjenti biex mill-inqas tkun iffinanzjata sejħa sostanzjali waħda fis-sena;

- (c) il-kompożizzjoni tas-sħab: sakemm ma jkunx debitament ġustifikat, hija meħtieġa l-parteċipazzjoni ta' entitajiet pubbliċi minn imqar 10 Stati Membri u/jew, fejn ikun il-każ, entitajiet privati li jirrappreżentaw segmenti sostanzjali tal-ekosistemi rispettivi tagħhom, biex hekk jiġi żgurat involviment wiesa' u bbilanċjat tal-partijiet ikkonċernati ewlenin;
- (d) ir-rilevanza pan-Ewropea: is-sħubiji għandhom ikollhom rilevanza pan-Ewropea, inkluż permezz ta' kollaborazzjoni wiesgħa u diversifikata fl-Unjoni kollha u jkunu involuti mal-ekosistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni rilevanti;
- (e) approċċ orjentat lejn il-missjoni: is-sħubiji għandhom jifformulaw objettivi ċari, li jkunu jistgħu jitkejlu, u li jkunu marbuta biż-żmien fil-limiti tad-durata tagħhom li mbagħad jinfurmaw l-eżerċizzji tal-monitoraġġ, tal-valutazzjoni u tal-evalwazzjoni;
- (f) pjan tal-implimentazzjoni: is-sħab għandhom jiżviluppaw pjan ta' implimentazzjoni ex ante, inkluż sett ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex isegwu l-progress, id-disseminazzjoni u l-attivitajiet ta' valorizzazzjoni, inkluż azzjonijiet għat-tneħħija gradwali tal-finanzjament tal-Unjoni;
- (h) il-legat: meta s-sħubiji kandidati jkomplu fuq inizjattivi predeċessuri, għandhom jintwerew l-effiċjenza, l-effettività u l-impatt tas-sħubiji preċedenti.

1b. Tul l-implimentazzjoni tagħhom, is-Sħubiji Ewropej għandhom jiżguraw:

- (a) arranġamenti u regoli ta' governanza trasparenti, abbażi ta' linji gwida komuni, inkluż kodiċijiet ta' kondotta, li jiżguraw il-funzjonament tagħhom b'mod miftuħ u trasparenti;
- (b) ftuħ kontinwu tal-inizjattiva permezz ta' kriterji ta' adeżjoni u ta' ħruġ ċari u trasparenti, inkluż permezz ta' sejħiet miftuħa u kompetittivi għal organizzazzjonijiet sħab ġodda potenzjali u l-involvement ta' sħab u partijiet ikkonċernati minn setturi, kuntesti, u dixxiplini differenti, inkluż, fejn ikun il-każ, uħud internazzjonali rilevanti b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sigurtà ekonomika u tar-riċerka;

- (c) trasparenza: is-*sħubiji* għandhom juru trasparenza rigward l-identifikazzjoni tal-prijoritajiet u l-oġġettivi, inkluż ir-riżultati u l-impatti mistennija;
 - (d) flessibbiltà permezz ta' reviżjonijiet fil-*ħin* tad-dokumenti ewlenin bħall-Aġendi Strateġiċi ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni (SRIAs) u l-istrateġiji ta' tranżizzjoni, adattati kif meħtieġ biex ikunu żgurati r-rilevanza u l-fattibbiltà;
 - (e) monitoraġġ kontinwu, inkluż it-traċċar tal-progress biex ikun hemm sett ta' indikaturi komuni speċifiċi għas-*sħubija*, bħall-kontribuzzjonijiet tas-*sħab*, il-kosteffiċjenza, u l-ftuħ għal *sħab* ġodda;
 - (f) informazzjoni dettaljata dwar il-proċess tal-evalwazzjoni u r-riżultati mis-sejthiet għal proposti kollha fis-*Sħubiji Ewropej*, li għandhom jitqiegħdu f'waqtu għad-dispożizzjoni tal-Kumitat tal-Programm.
 - (g) strateġija tad-data: strateġija tad-data għandha tinkludi stipulazzjonijiet dwar l-użu tad-data maħluqa matul is-*sħubija* u tiżgura d-disponibbiltà tad-data mill-inqas 10 snin wara t-tmiem tagħha, f'konformità mal-prinċipji FAIR tad-data;
 - (h) integrazzjoni tal-SMEs u tal-iscale-ups: fejn rilevanti, is-*sħubiji* għandhom jifformulaw strateġiji ċari biex jippromwovu l-inklużjoni tal-SMEs u tal-iscale-ups fiċ-ċiklu tal-innovazzjoni, b'kunsiderazzjoni tal-*ħtiġijiet* u l-isfidi speċifiċi tagħhom;
 - (j) Jekk ma jkunx hemm tiġdid, is-*Sħubiji Ewropej* għandhom jimplimentaw miżuri xierqa bbażati fuq l-azzjonijiet ta' tneħħija gradwali tagħhom identifikati fl-istrateġiji ta' tranżizzjoni tagħhom.
- 1c. L-indikaturi komuni speċifiċi għas-*sħubija* għandhom ikomplu fuq l-indikaturi komuni kif definiti skont ir-Regolament XXX [referenza għar-Regolament dwar il-Prestazzjoni] u fuq ir-rapporti ta' monitoraġġ biennali dwar il-prestazzjoni tas-*sħubiji Ewropej* fil-qafas ta' Orizzont Ewropa 2021-2027.

- 1d. Is-Sħubiji Ewropej għandhom iniedu s-sejħiet finali tagħhom qabel il-31 ta' Diċembru 2034. Is-Sħubiji Ewropej għandhom jiddeterminaw u jimplimentaw l-aħjar mod ta' tranżizzjoni. B'kunsiderazzjoni tal-istrateġiji ta' tranżizzjoni mħejjija ex ante, għandha ssir valutazzjoni indipendenti tas-sħubiji li tiddetermina jekk l-oġettivi tagħhom intlaħqux, kemm hu adatt l-approċċ tas-sħubija, u jekk ikomplux rilevanti għall-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni. Din il-valutazzjoni għandha tinkludi rakkomandazzjoni għall-aktar mod effettiv ta' intervent ta' politika għal kwalunkwe azzjoni futura.
- 1e. F'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tista' tnaqqas, tissospendi, jew ittemm il-finanzjament tal-Unjoni, jew tiegħu miżuri xierqa oħra. L-Istati Membri għandhom jiġu infurmati dwar tali miżuri fi żmien xieraq.

Kapitolu II

Xjenza Eċċellenti

Artikolu 6

Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Kunsill Ewropew tar-Riċerka (l-"ERC") biex jimplimenta l-azzjonijiet skont il-Parti I "Xjenza Eċċellenti" tar-Regolament XXX [referenza għar-Regolament Orizzont Ewropa] marbuta mal-ERC. L-ERC għandu jkun is-suċċessur tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764.
2. L-ERC għandu jkun magħmul mill-Kunsill Xjentifiku indipendenti tal-ERC previst fl-Artikolu 7 u l-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata għall-ERC li hija prevista fl-Artikolu 8.
3. Il-Kunsill Xjentifiku tal-ERC għandu jkollu President ("il-President tal-ERC") li għandu jintgħażel minn fost xjenzati ewlenin u rispettati internazzjonalment.

4. Il-President tal-ERC għandu jinħatar mill-Kummissjoni wara proċess ta' reklutaġġ trasparenti li jinvolvi kumitat dedikat indipendenti ta' tiftix. Il-proċess tar-reklutaġġ u l-kandidat magħżul għandu japprovahom il-Kunsill Xjentifiku tal-ERC. Il-mandat tal-President tal-ERC għandu jkun limitat għal erba' snin, u jista' jiġġedded darba.
5. Il-President tal-ERC għandu jippresiedi l-Kunsill Xjentifiku tal-ERC u jiżgura t-tmexxija tal-Kunsill Xjentifiku tal-ERC u l-kollegament tiegħu mal-istruttura tal-implimentazzjoni ddedikata tal-ERC u għandu jirrappreżenta lill-Kunsill Xjentifiku tal-ERC fid-dinja tax-xjenza.
- 5a. Fil-prinċipju l-President tal-ERC għandu jiddedika mill-inqas 80 % tal-ħin tax-xogħol tiegħu għall-ħidma tal-ERC. Il-President tal-ERC għandu jingħata l-istruttura ta' implimentazzjoni ddedikata tal-ERC bl-appoġġ meħtieġ biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu.
7. L-ERC għandu jopera skont il-prinċipji ewlenin tiegħu li huma l-eċċellenza xjentifika, ix-xjenza miftuħa, l-awtonomija, l-effiċjenza, l-effettività, it-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-integrità tar-riċerka. Għandu jiżgura kontinwità mal-azzjonijiet tal-ERC mwettqa skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/764.
8. Permezz tal-attivitajiet tiegħu, l-ERC għandu jappoġġa, b'mod minn isfel għal fuq, ir-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien imwettqa fl-oqsma kollha minn investigaturi prinċipali u t-timijiet tagħhom f'kompetizzjoni fil-livell Ewropew, inkluż riċerkaturi fi stadju bikri tal-karriera.
9. Il-Kummissjoni għandha taġixxi ta' garanti tal-awtonomija u l-integrità tal-ERC u għandha tiżgura l-eżekuzzjoni kif suppost tal-kompiti fdati lilu.
10. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-ERC tkun konformi mal-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu kif ukoll mal-istrateġija kumplessiva għall-ERC, imsemmija fl-Artikolu 7(4)(a), stabbilita mill-Kunsill Xjentifiku tal-ERC.

Il-Kunsill Xjentifiku tal-ERC

1. Il-Kunsill Xjentifiku tal-ERC għandu jkun magħmul minn 22 membru indipendenti, xjenzati, inġiniera u akkademiċi tal-aqwa reputazzjoni u bl-għarfien espert xieraq, fosthom kemm nisa kif ukoll irġiel minn gruppi tal-età differenti, filwaqt li jiġu żgurati diversità ta' oqsma tar-riċerka u varjetà ta' oriġini ġeografiċi. Dawn għandhom jaġixxu fil-kapaċità personali tagħhom, indipendenti minn interessi estranji. Il-membri tal-Kunsill Xjentifiku tal-ERC għandhom jinhtaru mill-Kummissjoni, skont proċedura indipendenti u trasparenti għall-identifikazzjoni tagħhom maqbula mal-Kunsill Xjentifiku, inkluż konsultazzjoni miftuħa tal-komunità xjentifika u rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
2. Il-mandat għall-membri tal-Kunsill Xjentifiku tal-ERC għandu jkun limitat għal erba' snin, li jista' jiġġedded darba, abbażi ta' sistema ta' rotazzjoni li għandha tiżgura l-kontinwità tal-ħidma tal-Kunsill Xjentifiku tal-ERC.
3. Il-Kunsill Xjentifiku tal-ERC għandu jeleġġi tliet Viċi Presidenti minn fost il-membri tiegħu li għandhom jassistu lill-President tal-ERC fir-rappreżentanza tiegħu u fl-organizzazzjoni tal-ħidma tiegħu. Għandu jiġi pprovdut appoġġ lit-tliet Viċi Presidenti sabiex tiġi żgurata assistenza amministrattiva lokali adegwata fl-istituzzjonijiet ta' oriġini tagħhom.
- 3a. Il-membri tal-Kunsill Xjentifiku tal-ERC għandhom jingħataw kumpens għall-kompiti li jwettqu permezz ta' onorarju u, meta xieraq, jingħataw rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza.
4. Il-Kunsill Xjentifiku tal-ERC għandu jeżerċita l-kompiti tiegħu biss u esklużivament fl-ambitu tal-Programm Speċifiku u għall-finijiet tiegħu. F'dak il-kuntest, għandu jistabbilixxi:
 - (a) l-istrateġija kumplessiva għall-ERC;
 - (b) il-programm ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-ERC;

- (c) il-metodi u l-proċeduri għar-rieżami bejn il-pari u l-evalwazzjoni tal-proposta li abbażi tagħhom jiġi determinat liema proposti għandhom jiġu ffinanzjati;
- (d) il-pożizzjoni tiegħu dwar kwalunkwe kwistjoni li minn perspettiva xjentifika tista' ttejjeb il-kisbiet u l-impatt tal-ERC u l-kwalità tar-riċerka mwettqa;
- (e) kodiċi ta' kondotta li jkopri, fost materji oħra, l-evitar tal-kunflitt ta' interess;
- (f) il-proċedura għall-elezzjoni tal-Viċi Presidenti tal-ERC.

Il-Kummissjoni għandha titbiegħed biss mill-pożizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill Xjentifiku tal-ERC f'konformità mal-ewwel subparagrafu jekk tqis li din id-Deċiżjoni ma ġietx rispettata. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri biex tinżamm il-kontinwità fl-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku u l-kisbiet tal-oġettivi tiegħu, filwaqt li tistabbilixxi u debitament tagħti r-raġunijiet għat-tbегħid mill-pożizzjonijiet tal-Kunsill Xjentifiku tal-ERC.

5. Il-Kunsill Xjentifiku tal-ERC għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar xejriet tar-riċerka, data u kwalunkwe kwistjoni rilevanti għat-tfassil tal-politika u jista' jwettaq analiżi f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni għandha tgħaddi lill-Istati Membri.
6. Il-Kunsill Xjentifiku tal-ERC u l-Kummissjoni għandhom jiltaqgħu mill-inqas darbtejn fis-sena biex ikollhom skambju wiesa' u f'waqtu tal-fehmiet fil-kuntest tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-ERC u t-tfassil tal-politika tal-Kummissjoni.
7. Il-Kunsill Xjentifiku tal-ERC huwa l-garanti tal-kwalità tal-attività mill-perspettiva xjentifika u għandu awtorità sħiħa fuq id-deċiżjonijiet dwar it-tip ta' riċerka li għandha tiġi ffinanzjata.
8. Il-Kunsill Xjentifiku tal-ERC għandu jaġixxi esklużivament fl-interess tal-ERC, skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 6(7). Għandu jaġixxi b'integrità u b'onestà u jwettaq il-ħidma tiegħu b'effiċjenza u bl-akbar trasparenza possibbli.

9. Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku, u sabiex iwettaq dawn il-kompiti, il-Kunsill Xjentifiku tal-ERC għandu jagħmel dan li ġej:

(a) fir-rigward tal-istrateġija xjentifika:

- i. jistabbilixxi l-istrateġija xjentifika kumplessiva għall-ERC, fid-dawl tal-opportunitajiet xjentifiċi u l-ħtiġijiet xjentifiċi Ewropej;
- ii. jistabbilixxi l-programm ta' ħidma u jiżviluppa t-taħlita ta' miżuri ta' appoġġ tal-ERC f'konformità mal-istrateġija xjentifika tiegħu;
- iii. jistabbilixxi l-inizjattivi ta' outreach u kooperazzjoni internazzjonali neċessarji, biex tiżdied il-viżibbiltà tal-ERC għall-aqwa riċerkaturi fl-Unjoni u mill-bqija tad-dinja, f'konformità mal-istrateġija xjentifika tiegħu.

(b) fir-rigward tal-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll tal-kwalità xjentifiċi:

- i. jiżgura sistema ta' rieżami bejn il-pari ta' livell dinji bbażata fuq l-eċċellenza xjentifika u fuq trattament għalkollox trasparenti, ġust u imparzjali tal-proposti billi jistabbilixxi pożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tas-sejthiet għal proposti, il-kriterji ta' evalwazzjoni, il-proċessi ta' rieżami bejn il-pari, inkluż l-għażla tal-esperti, il-metodi għar-rieżami bejn il-pari u l-evalwazzjoni tal-proposti u r-regoli u l-linji gwida ta' implimentazzjoni neċessarji, li abbażi tagħhom ikun jista' jiġi ddeterminat liema proposti jiġu ffinanzjati taħt is-superviżjoni tal-Kunsill Xjentifiku tal-ERC;
- ii. jagħmel proposta li abbażi tagħha għandhom jinħatru l-esperti fil-każ ta' azzjonijiet ta' riċerka fil-fruntieri tal-għarfien tal-ERC;
- iii. jiżgura li l-għotjiet tal-ERC jiġu implimentati skont proċeduri sempliċi u trasparenti li jibqgħu ffukati fuq l-eċċellenza, iħeġġu l-inizjattiva u jikkombinaw il-flessibbiltà u r-responsabbiltà billi jimmonitorjaw b'mod kontinwu l-kwalità tal-operat u tal-implimentazzjoni;

- iv. jirrieżamina u jivvaluta l-kisbiet tal-ERC u l-kwalità u l-impatt tar-riċerka ffinanzjata mill-ERC u jagħmel rakkomandazzjonijiet u linji gwida għal azzjonijiet korrettivi jew futuri skont il-każ;
 - v. jistabbilixxi pożizzjonijiet dwar materji oħra li jaffettwaw il-kisbiet u l-impatt tal-attivitajiet tal-ERC u l-kwalità tar-riċerka mwettqa skont din il-parti ta' Orizzont Ewropa.
- (c) fir-rigward tal-komunikazzjoni u d-disseminazzjoni:
- i. iżid il-profil u l-viżibbiltà globali tal-ERC billi jwettaq attivitajiet ta' komunikazzjoni u outreach, inkluż konferenzi xjentifiċi, sabiex l-attivitajiet u l-kisbiet tal-ERC u r-riżultati tal-proġetti ffinanzjati mill-ERC jiġu promossi mal-komunità xjentifika, mal-partijiet ikkonċernati prinċipali u mal-pubbliku ġenerali;
 - ii. fejn xieraq, jikkonsulta mal-komunità xjentifika, tal-inġiniera u tal-akkademiċi, l-aġenziji ta' finanzjament tar-riċerka reġjonali u nazzjonali u partijiet ikkonċernati oħra;
 - iii. jirrapporta b'mod regolari lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet proprji tiegħu.

Artikolu 8

Struttura ta' implimentazzjoni ddedikata tal-ERC

1. L-istruttura ta' implimentazzjoni ddedikata tal-ERC għandha tkun responsabbli mill-implimentazzjoni amministrattiva u t-tweqqif ta' dan il-komponent tal-Programm Speċifiku. Għandha, b'mod partikolari, timplimenta l-proċeduri tal-evalwazzjoni, ir-rieżami bejn il-pari u l-proċess tal-għażla f'konformità mal-istrateġija stabbilita mill-Kunsill Xjentifiku tal-ERC u għandha tiżgura l-ġestjoni finanzjarja u xjentifika tal-ġhotjiet.

L-istruttura ta' implimentazzjoni ddedikata tal-ERC għandha tappoġġa lill-Kunsill Xjentifiku tal-ERC fit-twertiq tal-kompiti kollha tiegħu kif stabbilit fl-Artikolu 7, inkluż l-iżvilupp tal-istrateġija xjentifika proprja tiegħu, il-monitoraġġ tiegħu tal-operat u r-rieżami u l-valutazzjoni tiegħu tal-kisbiet tal-ERC, kif ukoll l-attivitajiet tiegħu ta' outreach u tal-komunikazzjoni. L-istruttura ta' implimentazzjoni ddedikata tal-ERC għandha tipprovdi wkoll aċċess għad-dokumenti neċessarji u għad-data fil-pussess tagħha u żżomm lill-Kunsill Xjentifiku tal-ERC infurmat dwar l-attivitajiet tagħha.

Biex tiġi żgurata kollaborazzjoni effettiva mal-istruttura ta' implimentazzjoni ddedikata tal-ERC dwar kwistjonijiet ta' strateġija u operattivi, it-tmexxija tal-Kunsill Xjentifiku tal-ERC u d-Direttur tal-istruttura ta' implimentazzjoni ddedikata tal-ERC għandu jkollhom laqgħat ta' koordinazzjoni regolari.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-istruttura ta' implimentazzjoni ddedikata tal-ERC issegwi strettament, b'mod effiċjenti u bil-flessibbiltà meħtieġa l-oġettivi u r-rekwiżiti tal-ERC biss. Biex twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha kif stabbilit fl-Artikoli 6 u 7 u f'dan l-Artikolu, fil-kuntest tar-responsabbiltajiet tagħha stess għall-eżekuzzjoni tal-baġit, il-Kummissjoni għandha:
 - (a) tiżgura l-kontinwità u t-tiġdid tal-Kunsill Xjentifiku tal-ERC u tipprovdi appoġġ għal Kumitat ta' Identifikazzjoni permanenti għall-identifikazzjoni ta' membri futuri tal-Kunsill Xjentifiku tal-ERC;
 - (b) tiżgura l-kontinwità tal-istruttura ta' implimentazzjoni ddedikata tal-ERC u d-delegar lilha ta' kompiti u responsabbiltajiet, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-fehmiet tal-Kunsill Xjentifiku tal-ERC;
 - (c) tiżgura li l-istruttura ta' implimentazzjoni ddedikata tal-ERC twettaq il-firxa sħiħa tal-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħha;
 - (d) taħtar lid-Direttur u lill-membri tal-maniġment tal-istruttura ta' implimentazzjoni ddedikata tal-ERC, b'kunsiderazzjoni tal-fehmiet tal-Kunsill Xjentifiku tal-ERC;

- (e) tiżgura l-adozzjoni f'waqtha tal-programm ta' ħidma tal-ERC, il-pożizzjonijiet dwar il-metodoloġija ta' implimentazzjoni u r-regoli ta' implimentazzjoni neċessarji inkluż ir-regoli tal-ERC għall-preżentazzjoni u l-mudell tal-ftehim ta' għotja tal-ERC, b'kunsiderazzjoni tal-fehmiet tal-Kunsill Xjentifiku tal-ERC;
- (ea) b'mod regolari u f'waqtu tinforma u tikkonsulta lill-konfigurazzjoni tal-Kumitat tal-Programm tal-ERC dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-ERC;
- (f) peress li hi responsabbli mill-implimentazzjoni ġenerali tal-Programm, timmonitorja l-istruttura ta' implimentazzjoni ddedikata tal-ERC u tivvaluta l-prestazzjoni tagħha.

Artikolu 9

L-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie

1. L-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) għandhom jiffukaw fuq riċerka minn isfel għal fuq, immexxija mir-riċerkaturi, ibbażata esklużivament fuq l-eċċellenza xjentifika, biex jappoġġaw il-karriera, l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-mobbiltà tar-riċerkaturi, b'enfasi partikolari fuq ir-riċerkatur fi stadju bikri tal-karriera, filwaqt li jibqgħu miftuħa għall-istadji kollha tal-karriera.
2. L-MSCA għandhom ikunu miftuħa għal kwalunkwe qasam xjentifiku skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. F'każijiet debitament ġustifikati, jekk jinqalgħu ħtiġijiet speċifiċi u jsir disponibbli finanzjament addizzjonali, l-MSCA jistgħu jimmiraw ċerti attivitajiet fi prijoritajiet tematiċi speċifiċi, tipi ta' istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni, jew postijiet ġeografiċi biex jirrispondu għar-rekwiżiti u l-ħtiġijiet li jevolvu tal-Unjoni fir-rigward tal-ħiliet, it-taħriġ fir-riċerka, l-iżvilupp tal-karriera u l-kondiviżjoni tal-għarfien, biex tinkiseb l-awtonomija strateġika tal-Unjoni.

3. L-implimentazzjoni tal-MSCA għandha:

- (a) toffri kundizzjonijiet u opportunitajiet attraenti għall-progress fil-karriera, li jgħinu biex jiġu indirizzati kwistjonijiet sistemiċi ta' instabbiltà fil-karriera u l-prekarjetà fis-settur tar-riċerka. L-MSCA għandhom jappoġġaw b'mod attiv il-prinċipji stabbiliti fil-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi li jippromwovu reklutaġġ ġust, proċeduri trasparenti, u avvanz ibbażat fuq il-mertu⁷;
- (c) jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, id-diversità, u l-inklużjoni, filwaqt li jistabbilixxu standards għoljin għall-kundizzjonijiet tax-xogħol fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

Artikolu 10

Iċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka

1. L-attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) għandhom ikunu komplementari għall-azzjonijiet indiretti li jappoġġaw objettivi ta' politika aktar fit-tul. Biex jinkiseb dan, il-JRC jaħdem ma' partijiet ikkonċernati internazzjonali, nazzjonali, reġjonali, u lokali, inkluż permezz ta' ftehimiet ta' kollaborazzjoni xjentifika.

L-attivitajiet tal-JRC għandhom:

- ikunu flessibbli u jwieġbu għall-bżonnijiet ta' politika;
- jikkontribwixxu għal sinerġiji ma' investimenti oħra tal-UE;
- jiffokaw fuq l-oqsma li ġejjin:
 - i. l-appoġġ xjentifiku u tekniku għall-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk definiti fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (iżda mhux limitat għalih) u dawk definiti għall-partijiet I, II, III u IV tal-Programm Orizzont Ewropa;

⁷ Ir-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL tat-18 ta' Diċembru 2023 dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa (C/2023/1640). <https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2023/1640/oj/eng>

- ii. l-integrazzjoni tal-għarfien u l-impatt tal-politika;
- iii. l-iżvilupp territorjali u l-appoġġ tal-Istati Membri;
- iv. l-eċċellenza xjentifika u l-kollaborazzjoni internazzjonali;
- v. ix-xjenza miftuħa, il-kondiviżjoni tal-għarfien u t-tiżiħ tal-kapaċitajiet.

Kapitolu III

Kompetittività u Soċjetà

Artikolu 11

Riċerka u innovazzjoni kollaborattivi

1. Għandhom jiġu implimentati l-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni msemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament XXX [referenza għar-Regolament Orizzont Ewropa]:
 - (-a) għall-komponent "Kompetittività" tal-Pilastru II, f'parti ddedikata speċifika tal-programm ta' ħidma adottat skont l-Artikolu 15(1a) tar-Regolament [ECF]. Dawn l-attivitajiet għandhom ikopru l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni tat-twieqi tal-politika deskritti fil-Kapitoli IV sa VII tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, f'konformità mar-regoli tar-Regolament XXX [referenza għar-Regolament Orizzont Ewropa]:
 - (b) għall-komponent "Soċjetà" tal-Pilastru II fil-programm ta' ħidma adottat skont l-Artikolu 4(2). Dawn l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni għandhom ikunu mmirati li jiggwidaw it-trasformazzjoni tas-soċjetà u kulturali, kif ukoll li jappoġġaw it-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza għal soċjetajiet reżiljenti u orjentati lejn il-futur:
 - (i) il-fehim tal-impatti tal-bidliet ġeopolitiċi, it-teknoloġiji l-ġodda, il-bidliet ambjentali, klimatiċi u demografiċi u l-iżvilupp ta' azzjonijiet meħtieġa biex jiġu żgurati soċjetà b'saħħitha, sostenibbli u reżiljenti u ġestjoni territorjali li taqdi l-benesseri taċ-ċittadini;

- (ia) it-trawwim ta' soċjetajiet demokratiċi, kulturalment diversi, inklużivi, soċjalment ġusti, siguri u paċifiċi u l-ixprunar ta' governanza demokratika u innovazzjoni fis-servizzi pubbliċi;
- (ib) is-sostenn tal-kulturi u l-wirt kulturali Ewropej u t-tiżiħ tas-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi.

3. Skont il-Pilastru II ta' dan il-Programm, l-appoġġ lill-parti tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Missjonijiet tal-UE stabbiliti skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2021/695 għandu jingħata sal-2030. L-appoġġ għall-attivitajiet tar-R&I dwar il-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB) fil-qafas ta' Orizzont Ewropa għandu jkun akkumpanjat minn azzjonijiet immirati lejn l-użu taħt programmi tal-Unjoni oħra.

Kapitolu IV

Innovazzjoni

Artikolu 12

Il-Bord tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni

1. Il-Bord tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (Bord tal-EIC) għandu jagħti parir lill-Kummissjoni dwar:
- (a) l-istrateġija ġenerali għall-komponent tal-EIC fil-qafas tal-Parti III "Innovazzjoni" ta' Orizzont Ewropa, b'kunsiderazzjoni tal-komplementarjetajiet mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività;
 - (b) il-programm ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-EIC, inkluż il-kriterji għall-valutazzjoni tal-proposti u l-bilanċ xieraq bejn it-tipi differenti ta' appoġġ ta' finanzjament;
 - (c) l-identifikazzjoni ta' xejriet emerġenti fit-teknoloġija mill-portafolli tal-EIC, u portafolli strateġiċi ta' proġetti, f'komplementarjetà u sinerġija mal-Osservatorju tat-Teknoloġija Emerġenti fil-qafas tal-ECF;

- (d) il-profil tal-Manigiers tal-Programm tal-EIC;
 - (e) koordinazzjoni mal-Bord Konsultattiv dwar il-Garanziji tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, l-Istrumenti Finanzjarji u l-Operazzjonijiet ta' Taħlit stabbiliti skont il-Fond Ewropew għall-Kompetittività.
2. Il-Bord tal-EIC jista', meta jintalab mill-Kummissjoni, jindirizza rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar:
- (a) Kwalunkwe kwistjoni li, minn perspettiva tal-innovazzjoni, tista' ttejjeb u trawwem ekosistemi tal-innovazzjoni madwar l-Unjoni, il-kisbiet u l-impatt tal-oġettivi tal-EIC, u l-kapaċità ta' kumpaniji innovattivi li joħorġu bis-soluzzjonijiet tagħhom;
 - (b) l-identifikazzjoni, b'kooperazzjoni mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, mal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u ma' entitajiet rilevanti oħra, ta' ostakli regolatorji possibbli li jiffaċċaw l-intraprendituri, b'mod partikolari dawk mogħtija appoġġ fil-qafas tal-EIC;
 - (c) programmazzjoni f'partijiet oħra tal-Programm Speċifiku.
3. Il-Bord tal-EIC għandu jaġixxi bl-interess li jintlaħqu l-oġettivi tal-EIC. Għandu jaġixxi b'integrità u bl-onestà, u jwettaq il-ħidma tiegħu b'mod effiċjenti u trasparenti.
4. Il-Bord tal-EIC għandu jkun magħmul minn 15 sa 20 individwu indipendenti ta' livell għoli, magħżula minn partijiet varji tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-Ewropa, inkluż intraprendituri, mexxejja korporattivi, investituri, esperti u manigiers fl-innovazzjoni, riċerkaturi innovattivi u esperti fit-trasferiment tat-teknoloġija. Il-Bord tal-EIC għandu jikkontribwixxi għal azzjonijiet ta' outreach u l-membri tiegħu għandhom jaġhmlu ħilithom biex itejbu l-prestiġju tal-isem tal-EIC.
5. Il-membri tal-Bord tal-EIC għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għal nomini jew għal espressjonijiet ta' interess, u b'kunsiderazzjoni tal-bżonn li jkun hemm bilanċ fl-għarfien espert, il-ġeneru, l-età u d-distribuzzjoni ġeografika u tematika.
6. Il-mandat tagħhom għandu jkun limitat għal sentejn li jista' jiġġedded darbtejn.

7. Il-Bord tal-EIC għandu jkollu President li għandu jkun persuna pubblika ta' profil għoli marbuta mad-dinja tal-innovazzjoni, b'esperjenza ppruvata u fehim solidu fl-iżvilupp tal-innovazzjonijiet mir-riċerka sal-kummerċjalizzazzjoni u l-espansjoni.
8. Il-President tal-Bord tal-EIC għandu jkollu l-istatus ta' konsulent speċjali indipendenti u għandu jinħatar mill-Kummissjoni wara proċess trasparenti ta' reklutaġġ. Il-mandat tal-President tal-Bord tal-EIC għandu jkun limitat għal massimu ta' erba' snin, li jista' jiġġedded darba.
9. Il-President tal-Bord tal-EIC għandu jippresiedi l-Bord tal-EIC, iħejji l-laqgħat tiegħu, jassenja l-kompiti lill-membri u jista' jistabbilixxi sottogruppi ddedikati. Il-President tal-Bord tal-EIC għandu jirrappreżenta l-fehmiet tal-Bord tal-EIC fid-dinja tal-innovazzjoni u jaġixxi bħala interlokutor mal-Kummissjoni.
10. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kodiċi ta' kondotta tal-Bord tal-EIC li jindirizza, b'mod partikolari, l-evitar tal-kunflitti ta' interess u l-ksur tal-kunfidenzjalità. Malli jinħatru, il-membri tal-Bord tal-EIC għandhom jesprimu l-qbil tagħhom li jimxu f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta.
11. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi appoġġ amministrattiv lill-Bord tal-EIC u lill-President tal-Bord tal-EIC.

Artikolu 13

L-Ekosistemi Ewropej tal-Innovazzjoni

Il-Programm Speċifiku għandu jappoġġa:

- (a) l-istabbiliment u l-appoġġ ta' ċentri konnessi madwar l-Unjoni, li jippromwovu l-kollaborazzjoni u li jipprovdu lir-riċerkaturi, l-innovaturi, l-istart-ups u l-iscale-ups b'aċċess għar-riżorsi, is-sħab, u l-għarfien espert u s-servizzi mfassla apposta, inkluż opportunitajiet ta' investiment, l-ewwel xerrejja tar-R&I u soluzzjonijiet innovattivi, korporattivi, faċilitajiet ta' esperimentazzjoni, infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija, it-tlaqqiġ u n-networking, it-talent intraprenditorjali, l-ikkowċjar u l-mentoraġġ;

- (b) attivitajiet biex jiġu żviluppati ekosistemi tal-innovazzjoni pan-Ewropej f'oqsma tematiċi ewlenin, l-integrazzjoni u t-tiżiħ tal-punti b'saħħithom u l-potenzjali, il-ħolqien u l-espansjoni ta' networks u kollaborazzjoni transfruntieri, l-aċċellerar tal-adozzjoni tal-ġharfien u t-teknoloġija, l-appoġġ għall-iżvilupp tal-innovazzjoni u l-ħiliet intraprenditorjali u l-bini ta' riskju fi stadju bikri, u t-trawwim tal-integrazzjoni tat-trijangolu tal-ġharfien - l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negożju - madwar l-Unjoni. Dawk l-attivitajiet għandhom jinkludu appoġġ għall-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT);
- (c) programmi li jappoġġaw lil SMEs, start-ups u scale-ups innovattivi biex jespandu u jaċċessaw is-swieq internazzjonali permezz ta' studji dwar il-vijabbiltà tas-suq, għodod tal-innovazzjoni bbażati fuq il-post, kollaborazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni, skambju ta' talenti, mentoraġġ imfassal apposta, aċċess għal networks dinjin tal-investituri, gwida regolatorja, appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni lokalizzat, u servizzi ta' "soft-landing" fil-pajjiżi fil-mira, u li jkunu interkonnessi ma' ċentri konnessi u ekosistemi tal-innovazzjoni;
- (d) azzjonijiet oħra biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' ekosistemi tal-innovazzjoni u l-konnettività tagħhom, inkluż studji, valutazzjonijiet komparattivi, tagħlim reċiproku bejn l-atturi tal-innovazzjoni u l-koordinazzjoni tal-politiki u l-istrateġiji nazzjonali u reġjonali tal-innovazzjoni, inkluż l-Istrateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti.

Kapitolu V

Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka

Artikolu 14

Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka

1. It-tweġġ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) għandu jkun sforz kondiviż bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Il-Programm Speċifiku għandu jassisti lill-Istati Membri, u fejn rilevanti lill-partijiet ikkonċernati u lill-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm, biex jiksibu l-oġettivi u l-prijoritajiet maqbula b'mod konġunt stabbiliti fil-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa⁸, billi jappoġġa azzjonijiet allinjati mal-oġettivi u l-oqsma ta' prijetà taż-ŻER, u billi jippromwovi u jiddefendi l-valuri u l-prinċipji taż-ŻER.
2. Il-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki għandha tipprovdi lill-Istati Membri u, skont il-każ, lir-regġuni tagħhom f'konformità mad-distribuzzjoni interna tal-kompetenzi tagħhom fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, u lill-pajjiżi assoċjati mal-Programm, b'appoġġ espert prattiku biex ifasslu, jimplimentaw u jevalwaw riformi li jtejbju l-kwalità tal-investimenti, il-politiki u s-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħhom. Għandha tikkontribwixxi għall-bini ta' sistemi nazzjonali u reġjonali tar-riċerka u l-innovazzjoni aktar b'saħħithom u aktar effettivi u Żona Ewropea tar-Riċerka aktar robusta.

⁸ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa, ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2021/2122/oj>.

It-twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza

Fil-qafas tal-komponent tat-Twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza, il-Programm Speċifiku għandu jappoġġa ekosistema tar-R&I integrata tassew u koeżiva fl-Unjoni, filwaqt li jindirizza oqsma ta' prijorità tal-Patt għar-R&I, billi jamplifika l-aċċess għall-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni u jipprijoritizza l-investimenti u r-riformi strutturali. Id-disparitajiet bejn il-pajjiżi ewlenin u dawk inqas avvanzati f'termini ta' prestazzjoni tar-R&I għandhom jiġu indirizzati permezz ta' portafoll differenzjat ta' attivitajiet biex tinbena bażi xjentifika soda u tinholq konnessjoni bejn l-atturi u l-ekosistemi, u li jħeġġu riformi ta' politika strutturali fil-livell nazzjonali u reġjonali mmirati favur, pereżempju, it-titjib tal-attraenza tal-karrieri fir-riċerka, l-internazzjonalizzazzjoni, l-effettività tal-ġestjoni u l-governanza tal-istituzzjonijiet tar-R&I jew it-tlaqqiġ tal-attivitajiet mal-inizjattivi tal-Unjoni.

L-infrastrutturi tar-riċerka

1. Il-Programm Speċifiku għandu jappoġġa t-tfassil, l-iżvilupp, il-kostruzzjoni, l-aġġornament kbir u l-integrazzjoni tal-infrastrutturi tar-riċerka ta' interess għall-Unjoni. Għandu jiffaċilita l-aċċess pan-Ewropew għall-utenti.
2. L-attivitajiet tal-infrastrutturi tar-riċerka għandhom jiffukaw fuq:
 - (a) l-iżvilupp, il-konsolidazzjoni u s-simplifikazzjoni tax-xenarju tal-infrastrutturi tar-riċerka tal-Unjoni, inkluż il-koordinazzjoni bejn il-kapaċitajiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali u l-kontribuzzjoni sa 20 % tal-kostijiet għall-kostruzzjoni jew l-aġġornament kbir ta' kapaċitajiet ta' livell dinji importanti;
 - (b) it-tisħiħ tal-aċċess tranżnazzjonali għall-infrastrutturi tar-riċerka fl-oqsma u s-setturi kollha u l-adattament għal komunitajiet ta' utenti emerġenti ġodda, l-estensjoni tal-involvement lil hinn mill-utenti tar-riċerka primarji, inkluż SMEs, start-ups u scale-ups;
 - (c) li jagħmlu l-infrastrutturi tar-riċerka aktar reżiljenti u sostenibbli filwaqt li jżommu r-ritmu ma' avvanzi xjentifiċi u teknoloġiċi rapidi;

- (d) il-promozzjoni tas-sovranità tad-data u l-iżvilupp ulterjuri ta' web ta' data tar-riċerka li tista' tinstab, aċċessibbli, interoperabbli, li tista' terġa' tintuża (FAIR) u li tista' titihaddem minn magna, inkluż permezz tal-espansjoni u l-konsolidazzjoni tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa bħala l-ispazju tad-data tar-riċerka tal-Ewropa, kif ukoll billi jitrawmu singergiji mal-ispazji ta' data Ewropej speċifiċi għas-settur;
- (da) il-kollaborazzjoni u n-networking fost l-infrastrutturi tar-riċerka, it-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet tal-persunal tagħhom, b'mod konġunt mal-infrastrutturi tat-teknoloġija u l-ekosistemi tal-innovazzjoni kull meta applikabbli;
- (e) ir-rinfurzar tal-politika dwar l-infrastruttura tar-riċerka Ewropea u l-kooperazzjoni internazzjonali.

Artikolu 17

L-infrastrutturi tat-teknoloġija

1. Il-Programm Speċifiku għandu jappoġġa t-tfassil, l-iżvilupp, il-kostruzzjoni, l-aġġornament kbir, u l-integrazzjoni tal-infrastrutturi tat-teknoloġija ta' interess għall-Unjoni. Għandu jiffaċilita l-aċċess pan-Ewropew għall-utenti.
2. L-attivitajiet għandhom jiffokaw fuq:
 - (a) l-iżvilupp, il-konsolidazzjoni u s-simplifikazzjoni tax-xenarju tal-Unjoni ta' infrastrutturi tat-teknoloġija reżiljenti u sostenibbli, inkluż il-koordinazzjoni bejn il-kapaċitajiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali u reġjonali u l-kontribuzzjoni sa 20 % tal-kostijiet għall-kostruzzjoni jew l-aġġornament kbir ta' kapaċitajiet importanti ta' livell dinji;
 - (b) it-titjib tal-viżibbiltà u l-użu ta' servizzi tal-infrastruttura tat-teknoloġija madwar l-Unjoni;
 - (c) l-aċċess għar-riċerkaturi, innovaturi, SMEs, start-ups u scale-ups għall-infrastrutturi tat-teknoloġija madwar l-Unjoni u l-appoġġ għal attivitajiet ta' valorizzazzjoni biex tiġi aċċellerata l-adozzjoni mis-suq;

- (d) il-kollaborazzjoni u n-networking fost l-infrastrutturi tat-teknoloġija, it-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet tal-persunal tagħhom, b'mod konġunt mal-infrastrutturi tar-riċerka u l-ekosistemi tal-innovazzjoni kull meta applikabbli;
- (e) l-appoġġ tal-iżvilupp tal-politika Ewropea dwar l-infrastruttura tat-teknoloġija.

Artikolu 17a

Il-proċess tal-għażla għall-appoġġ tal-kostruzzjoni jew l-aġġornament kbir tal-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija ta' klassi dinjija

1. Il-Programm Speċifiku jista' jappoġġa l-kostijiet tal-kostruzzjoni jew ta' aġġornament kbir għal kapaċitajiet pan-Ewropej ta' klassi dinjija f'oqsma strateġiċi ewlenin f'koordinazzjoni mal-programmi nazzjonali u reġjonali biex b'hekk jiġi massimizzat il-valur miżjud Ewropew. Dawn l-infrastrutturi għandhom jintgħażlu wara proċedura miftuħa, trasparenti u kompetittiva u jkunu żguraw impenn politiku u finanzjarju b'saħħtu mill-Istati Membri, b'kunsiderazzjoni tal-ħidma tal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI) (u kwalunkwe forum strateġiku ieħor għall-infrastrutturi tat-teknoloġija).
2. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 18a(2) tar-Regolament (UE) XXX [referenza għar-Regolament Orizzont Ewropa], l-infrastruttura għandha tikkonforma mal-kriterji li ġejjin:
 - (a) evidenza li l-kapaċitajiet il-ġodda proposti huma ta' importanza ċentrali u ta' klassi dinjija, abbażi ta':
 - (i) l-interess tal-Unjoni: allinjati mal-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni u jirrikjedu investimenti konġunti sinifikanti mill-Unjoni u mill-Istati Membri minħabba l-iskala u l-ambitu mixtieqa u biex meta jkun hemm bżonn jiġu sfruttati sorsi ta' finanzjament oħra;
 - (ii) il-prijoritajiet u l-politiki xjentifiċi, teknoloġiċi u/jew industrijali: titjib sinifikanti fl-oqsma rilevanti fil-livell Ewropew u internazzjonali;

- (iii) l-indirizzar ta' diskrepanzi definiti b'mod ċar fil-kapaċità: komplementarjetà ma' infrastrutturi oħra fil-livell tal-Unjoni, allinjament tal-faċilitajiet u s-servizzi disponibbli mal-ħtiġijiet mhux indirizzati tal-utenti u l-iżgurar ta' koerenza u konsolidazzjoni tal-ekosistema tar-riċerka u tal-innovazzjoni;
- (iv) il-politika ta' aċċess u s-servizzi pprovduti: l-għoti ta' aċċess effettiv u servizzi għall-komunità tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni;
- (b) l-implimentazzjoni effettiva tal-kapaċitajiet l-ġodda fir-rigward ta':
 - (i-a) l-evidenza ta' diskrepanza fil-finanzjament li ma tistax tiġi indirizzata mill-Istati Membri u mill-mekkaniżmi tas-suq waħedhom;
 - (i) il-governanza u l-ġestjoni;
 - (ii) il-fattibbiltà finanzjarja u l-impenn finanzjarju, fosthom mis-settur privat;
 - (iii) il-fattibbiltà teknika, is-sostenibbiltà u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, kif ukoll strateġija tad-data.

Il-kriterji għandhom jiġu speċifikati ulterjorment fil-programm ta' ħidma.

Kapitolu VI

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali u finali

Artikolu 17b

Rwol konsultattiv strateġiku tal-Konfigurazzjoni Strateġika tal-Kumitat tal-Programm Orizzont Ewropa

1. Il-konfigurazzjoni strateġika tal-Kumitat tal-Programm Orizzont Ewropa definita skont l-Artikolu 18(2), il-punt (a), għandha, minbarra r-rwol tagħha bħala kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 2011/182, tagħti pariri lill-Kummissjoni u tipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar:
 - (a) id-direzzjoni strateġika ġenerali u l-prijoritajiet għal Orizzont b'kunsiderazzjoni tal-oġġettivi stabbilit fl-Artikolu 3 tar-Regolament [ir-Regolament Orizzont Ewropa] u l-proċess stabbilit fil-paragrafu 1a;
 - (b) l-allinjament tal-Programm mal-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni fil-kuntest tal-proċess tal-istabbiliment tal-prijoritajiet strateġiċi;
 - (c) il-koerenza u s-sinerġiji bejn il-Programm u programmi u strumenti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi massimizzat l-impatt u jiġu evitati d-duplikazzjonijiet.

Il-konfigurazzjoni strateġika tista' wkoll tiskambja informazzjoni dwar kwistjonijiet oħra relatati ma' dan il-Programm.
2. Fl-ewwel laqgħa tagħha fir-rwol konsultattiv tagħha, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, il-konfigurazzjoni strateġika tal-Kumitat tal-Programm għandha tadotta r-regoli ta' proċedura tagħha li għandhom jiġu segwiti meta din il-konfigurazzjoni tagħxi fir-rwol konsultattiv tagħha.

3. Għandha jkollha laqgħat ordinarji fir-rwol konsultattiv tagħha mill-inqas darba fis-sena u addizzjonalment fuq talba ta' maġġoranza sempliċi tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha ssejjaħ il-laqgħat u ttejjji l-aġenda, wara li tikkonsulta lill-membri tal-konfigurazzjoni strateġika, f'konformità mal-kompiti konsultattivi tal-konfigurazzjoni strateġika skont dan ir-Regolament u mar-regoli ta' proċedura tagħha. Għandhom jiġu organizzati laqgħat konġunti bejn il-konfigurazzjoni strateġika tal-Kumitat fir-rwol konsultattiv tiegħu u l-Kumitat Ġenerali tal-ECF fir-rwol konsultattiv tiegħu, biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' rilevanza komuni, b'mod partikolari dawk marbuta mal-komponent "kompetittività" tal-Pilastru II.
4. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti minn stadju bikri fl-istabbiliment strateġiku tal-prijoritajiet ta' Orizzont Ewropa skont il-proċess li ġej:
- (a) Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (KŻER) b'analiżi rilevanti, fosthom mill-Osservatorju dwar it-Teknoloġiji Emerġenti, rapporti ta' prospettiva, kif ukoll kontribut ibbażat fuq l-evidenza mill-partijiet ikkonċernati, kif xieraq.
 - (b) Il-KŻER għandu mbagħad jipprovdi kontribut strateġiku dwar l-orjentazzjonijiet u l-prijoritajiet strateġiċi ġenerali tar-riċerka u l-innovazzjoni għal Orizzont Ewropa.
 - (c) Il-pariri mill-KŻER għandhom jikkontribwixxu għat-ttejjija mill-Kummissjoni tad-dokument strateġiku pluriennali ta' Orizzont Ewropa li jkopri l-erba' pilastru tal-Programm, b'rispett għan-natura speċifika tagħhom. Il-parti tad-dokument strateġiku pluriennali ta' Orizzont Ewropa tal-Kummissjoni li tkopri l-komponent tal-kompetittività tal-Pilastru II għandha tkun l-istess bħall-parti tad-dokument strateġiku pluriennali msemmi fl-Artikolu 13b(4)(iii) tar-Regolament FEK li jkopri l-komponent tal-kompetittività tal-Pilastru II. Dik il-parti tad-dokument strateġiku pluriennali għandha tiġi diskussa fil-laqgħat strateġiċi msemmija fil-punt (d).

- (d) Għandhom jiġu organizzati laqgħat konsultattivi strateġiċi konġunti bejn il-konfigurazzjoni strateġika fir-rwol konsultattiv tagħha u l-Kumitat Ġenerali tal-FEK skont l-Artikolu 13b tar-Regolament [ir-Regolament KEF] fir-rwol konsultattiv tiegħu, biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' rilevanza komuni marbuta mal-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-komponent tal-kompetittività tal-Pilastru II.
- (e) Il-konfigurazzjoni strateġika, filwaqt li tqis id-dokument strateġiku pluriennali ta' Orizzont Ewropa, għandha tipprovdi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-direzzjoni strateġika ġenerali u l-prijoritajiet ta' Orizzont Ewropa qabel it-tnejn tal-programmi ta' ħidma.

Il-proċess skont il-punti (a) sa (e) għandu jsir qabel it-tnejn tal-ewwel programmi ta' ħidma u tliet snin wara l-bidu tal-Programm.

Artikolu 18

Il-proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Il-Kumitat għandu jiltaqa' fil-konfigurazzjonijiet li ġejjin, skont is-suġġett li jkun ser jiġi diskuss:

Konfigurazzjoni strateġika: Ħarsa ġenerali strateġika u koerenza tal-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku fil-programmi ta' ħidma individwali tiegħu, inkluż ma' Sħubiji Ewropej;

- l-ERC;
- l-MSCA;
- is-Socjetà;
- l-EIC u l-ekosistemi tal-innovazzjoni Ewropej;

- iż-Żona Ewropea tar-Riċerka u t-twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza;
 - l-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija;
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
 4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
 5. Meta l-opinjoni tal-kumitat tkun trid tinkiseb bi proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fil-limitu taż-żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat jitolbu hekk.
 - 5a. Fil-każ tal-atti ta' implimentazzjoni li għandhom jiġu adottati meta l-Kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
 - 5b. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kumitat regolarment u minn stadju bikri dwar il-progress ġenerali tal-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku. Għandha, b'mod partikolari, tipprovdi informazzjoni dwar: proġetti individwali, biex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-ħajja kollha ta' kull proposta; l-eżitu ta' kull sejħa u implimentazzjoni ta' proġett; u l-eżekuzzjoni tal-komponenti u s-subkomponenti tal-baġit ta' Orizzont Ewropa.
 6. F'konformità ma' ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi assoċjati jew organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jiġu mistiedna bħala osservaturi fil-laqgħat tal-kumitat tal-Programm Speċifiku skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli ta' proċedura tiegħu, b'kunsiderazzjoni għas-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha.

Artikolu 19

Tħassir

Id-Deċiżjoni (UE) Nru 764/2021 titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2028.

Artikolu 20

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Din id-Deċiżjoni ma għandhiex taffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifika tal-azzjonijiet ikkonċernati, sal-għeluq tagħhom, skont id-Deċiżjoni (UE) 2021/764/UE, li għandha tkompli tapplika għal dawk l-azzjonijiet sal-għeluq tagħhom.
2. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm Speċifiku jista' jkopri wkoll spejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm Speċifiku u l-miżuri adottati skont id-Deċiżjoni (UE) 2021/764 tiegħu.

Artikolu 21

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2028.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
